



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0049(COD)

6439/21
ADD 4

RECH 71
COMPET 122
CODEC 247
IA 21

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 36 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa b'mod konġunt minn diversi Stati Mem

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 36 final.

Mehmuż: SWD(2021) 36 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
SWD(2021) 36 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija mwettqa
b'mod konġunt minn diversi Stati Mem

{COM(2021) 89 final} - {SEC(2021) 91 final} - {SWD(2021) 35 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar is-Sħubija Ewropea dwar il-Metroloġija
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-metroloġija hija l-istudju xjentifiku tal-kejl. Hija faċilitatur ewlieni tal-attività ekonomika u soċjali kif ukoll ben pubbliku. Bħalissa, il-programmi ta' riċerka dwar il-metroloġija għandhom nuqqas ta' impatt fil-livell tal-UE minħabba l-frammentazzjoni tal-attivitàjiet u d-duplikazzjoni tal-isforzi fost l-Istati Membri. Dan fi żmien fejn l-Ewropa qed tiffaċċja kompetizzjoni globali miżjuda fil-metroloġija minħabba l-ħtieġa dejjem akbar għal soluzzjonijiet ta' metroloġija mmirati lejn teknoloġiji emerġenti u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda. Barra minn hekk, iż-żieda fl-isfidi tas-soċjetà li jirrikjedu standards u regolamenti affidabbli tirrikjedi li nindirizzaw b'urġenza n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-metroloġija fis-sistema ta' innovazzjoni fil-livell Ewropew.
X'għandu jinkiseb?
Sal-2030, jenħtieġ li l-inizjattiva tipprovdi soluzzjonijiet ta' metroloġija li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk tal-aqwa atturi globali permezz ta' networks pan-Ewropej speċjalizzati. Dawn is-soluzzjonijiet ta' metroloġija jenħtieġ li jappoġġaw il-bejgħ ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda bl-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji emerġenti ewlenin. Jenħtieġ ukoll, li s-soluzzjonijiet jikkontribwixxu għat-tfassil u għall-implimentazzjoni effettivi ta' standards u regolamenti speċifiċi li jirfdu l-politiki pubbliċi li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
L-appoġġ fil-livell tal-UE sal-lum wera li hemm ambitu għat-trawwim ta' livelli sinifikanti ta' integrazzjoni tal-isforzi ta' riċerka dwar il-metroloġija madwar l-Ewropa. Sal-lum, l-integrazzjoni kienet xprunata minn kollaborazzjoni fil-livell tal-proġett minn isfel għal fuq. Minħabba l-importanza dejjem akbar tagħha fl-iffaċilitar ta' teknoloġiji emerġenti u fir-rispons għall-isfidi tas-soċjetà, huwa meħtieġ approċċ aktar strateġiku għall-integrazzjoni tal-isforzi tal-metroloġija biex tissaħħaħ id-direzzjonalità tar-riċerka. Għaldaqstant, il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE lil hinn mill-2020 se jiġi mill-iżvilupp u mill-implimentazzjoni ta' approċċ aktar programmatiku li jimmira għal riċerka dwar il-metroloġija f'oqsma ta' importanza teknoloġika u tas-soċjetà emerġenti.
B. Soluzzjonijiet
X'inhu l-opzjonijiet differenti biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm opzjoni ppreferuta? Jekk le, għaliex?
L-opzjoni bażi hija l-finanzjament permezz ta' sejħiet fil-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa. Din l-opzjoni mhux se tippermetti l-ingranaġġ tal-finanzjament nazzjonali istituzzjonalizzat fl-azzjonijiet. L-impatt ikun limitat għall-output tal-proġetti individwali.
It-tieni opzjoni hija li tinħoloq sħubija kofinanzjata li fiha konsorzju ta' istituti nazzjonali tal-metroloġija jiffinanzja azzjonijiet b'mod konġunt ma' Orizzont Ewropa. L-ambitu għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet esterni għall-konsorzju ta' istituti tal-metroloġija se jkun limitat taħt din l-opzjoni.
It-tielet opzjoni hija sħubija istituzzjonalizzata skont l-Artikolu 185 TFUE. Abbażi tal-impenji bil-quddiem għall-perjodu sħiħ tal-inizjattiva, din se tingrana l-finanzjament nazzjonali istituzzjonalizzat lejn sistema fit-tul ta' networks Ewropej sostenibbli tal-metroloġija li se jiffukaw fuq il-bini tal-kapaċità tar-riċerka fil-metroloġija fil-livell tal-UE f'oqsma ewlenin li għandhom impatt fuq it-teknoloġiji emerġenti u l-isfidi tas-soċjetà. Din l-opzjoni ta' finanzjament se toffri l-ambitu biex tiġi involuta firxa wiesgħa ta' parteċipanti tul "katina tal-valur tal-metroloġija", inklużi dawk li jistabbilixxu l-istandards u r-regolaturi kif ukoll l-industrija u utenti finali oħra. Għal dawn ir-raġunijiet, din hija l-għażla ppreferuta.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema opzjoni u min jappoġġaha?
Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati huma konsistenti għat-tipi kollha ta' risponenti, u jindikaw li l-opzjoni ta'

sħubija istituzzjonali skont l-Artikolu 185 hija ppreferuta minħabba l-potenzjal li toffri biex jiġi implimentat approċċ programmatiku u strateġiku fit-tul.
C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-benefiċċji ekonomiċi t-tnejn għandhom kemm komponent dirett kif ukoll indirett. Il-komponent dirett huwa ż-żieda fil-bejgħ tal-istrumentazzjoni u tas-servizzi marbuta fl-industrija. Dan huwa stmat għal EUR 50 miljun fis-sena. Barra minn hekk, l-oġġettiv tal-promozzjoni tal-innovazzjoni f'oqsma ta' applikazzjoni strateġika, indirettament għandu impatt addizzjonali ingranat fit-tul fuq il-bejgħ. Il-benefiċċji soċjali u ambjentali huma direttament relatati man-networks tal-metroloġija speċjalizzati. In-networks jipprovdu soluzzjonijiet metroloġiċi speċifiċi għall-partijiet ikkonċernati kollha tul il-katina tal-valur tal-metroloġija, inklużi l-industrija, l-utenti finali u ċ-ċittadini.
X'inhuma l-kostijiet tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-kostijiet ewlenin huma marbuta mal-kostijiet amministrattivi tal-inizjattiva, li hija limitata għal 5 % tal-baġit totali. Inizjattivi preċedenti taħt l-Artikolu 185 tat-TFUE rrapportaw perċentwal aktar baxx minn dan.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Billi tiffaċilita l-adozzjoni u l-isfruttament tat-teknoloġiji emerġenti, l-inizjattiva se tappoġġa lill-SMEs u lill-intrapriżi l-kbar biex jieħdu sehem tas-suq globali permezz tal-bejgħ ta' prodotti u servizzi innovattivi ġodda u b'hekk tissaħħa il-kompetittività. Billi tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards u regolamenti adattati għall-iskop tagħhom, l-inizjattiva se tnaqqas il-kostijiet ta' konformità għan-negozji, u b'hekk tkompli ttejjeb il-kompetittività.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Billi tiġbor ir-riżorsi flimkien u tiffoka fuq prijoritajiet strateġiċi komuni, l-inizjattiva se tippermetti lill-Istati Membri jżidu l-effiċjenza tal-investimenti pubbliċi tagħhom u jsaħħu r-redditu f'termini tal-iskala tal-impatti ekonomiċi u soċjetali realizzati. F'termini ta' impenn finanzjarju, l-impatt ikun li l-finanzjament nazzjonali jiġi allokat għat-tul kollu tal-inizjattiva. Jenħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-livell nazzjonali billi l-inizjattiva tiġi ġestita fil-livell Ewropew permezz ta' struttura ta' implimentazzjoni ddedikata.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
L-inizjattiva se tippermetti lill-Ewropa żżomm it-tmexxija globali tagħha fir-riċerka dwar il-metroloġija billi mill-inqas tilħaq lill-kompetituri tagħna fl-immirar tal-finanzjament tal-metroloġija fuq il-prijoritajiet strateġiċi. L-inizjattiva se tippermetti lill-Ewropa tirrispondi b'mod aktar effettiv għar-rata attwali mgħagħla ta' tranżizzjoni soċjali billi tiżviluppa soluzzjonijiet ta' kejl adattati għall-iskop tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà f'oqsma bħas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija. Dan se jżid ukoll il-kapaċità tal-Ewropa li tirrispondi effettivament għall-emerġenzi globali, bħall-pandemija tal-COVID-19 L-inizjattiva se tippermetti lill-Ewropa ssir mexxejja fid-definizzjoni ta' regoli kummerċjali internazzjonali ġusti u trasparenti u fir-rispons għal emerġenzi globali, bħall-pandemija tal-COVID-19.
Il-proporzjonalità?
L-għażla ppreferuta hija l-unika għażla li tilħaq l-oġġettivi kollha.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Se jítwettaq rieżami ta' nofs it-terminu sa mhux aktar tard minn tmiem l-2024 li, fost affarijiet oħra, se jivvaluta l-progress lejn it-twettiq tal-obiettivi, li jinkludu strateġija ta' ħruġ ibbażata fuq networks pan-Ewropej.